MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1161/2004

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta` Estera ta' The Performing Right Society Limited**

**Vs**

**Omar Granata**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm55.64 (hamsa u hamsin lira Maltin u erba` u sittin centezmu) dovuti ghal royalty.

Bl-ispejjez u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi għalkemm notifikat regolarment fid-29 ta’ Ottubru 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fit-22 ta’ Novembru 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------